Qorti tal-Appelli Kriminali.

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2019

Numru 282/2015

Il-Pulizija

[Spettur Edward Zammit]

vs

Jonathan Attard

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Jonathan Attard, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 42358(M) talli:

Matul ix-xhur ta' Mejju 2014 sa Novembru 2014, fil-gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizjoniji tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzjoni wahda dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat naqas li jaghti manteniment lil Raisa Micallef is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata f'kuntratt bħala mantenimnet għaliha u għal uliedu minuri fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fi skond l-ordni.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju, 2015 li biha l-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu erba' xhur prigunerija u spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

3. Rat ir-rikors tal-appellant Jonathan Attard minnu ppreżentat fil-21 ta' Mejju, 2015 li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fir-rigward tas-sejba ta' ħtija, tħassaraha u tirrevokaha fir-rigward il-piena inflitta billi timponi piena inqas ħarxa minn dik imposta fuqu mill-ewwel Qorti.

4. Rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati tagħhom u dan fis-seduta tas-16 ta Lulju 2019.

5. Il-fatti ta' dan il-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

L-imputat kien ġie ordnat iħallas manteniment lil omm bintu Raisa Micallef, iżda naqas milli jħallas dak il-manteniment għal perijodu ta sitt xhur. L-ewwel Qorti semghet il-provi prodotti kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll ix-xhieda ta l-istess appellant moghtija seduta stante nhar l-20 ta Mejju 2015 dwar l-imputazzjonijeit kif dedotti fil-konfront tieghu u a bazi tal-provi li semghet ddecidiet li ssib lill-appellant hati tal-akkuzi. Fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza ta' dik il-Qrati dwar ir-reat addebitat lill-appellant l-ewwel Qorti sabitu ħati u kkundannatu għal erba xhur prigunerija. L-appellant qiegħed issa jappella mill-piena imposta mil-ewwel Qorti.

6. L-aggravju tal-appellant huwa wieħed u jikkonsisti fil-fatt li fil fehma tiegħu fiċ-ċirkostanzi tal-każ u għal diversi raġunijiet minnu miġjuba ‘l quddiem huwa ġie trattat b'mod aħrax wisq mill-ewwel Qorti u għalhekk qiegħed jitlob mitigazzjoni tal-piena inflitta.

Ikkunsidrat:

7. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant isemmi diversi ċirkostanzi ta' fatt sabiex jispjega għaliex fiż-żmien relevanti ma kienx f'pożizzjoni li jħallas il-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti fosthom li kien ghaddej minn diffikoltajiet finanzjajri kbar minhabba li mhux biss kien ghadu kemm fetah negozju biex jibda jipprattika bhala tattoo artist liema negozju gabu f'hafna pizijiet u hafna diffikoltajiet finanzjajri izda issa dan in-negozju qieghed jisfaxxa fix-xejn. Illi l-appellant stqarr ukoll li n-negozju tieghu illum falla tant li anke nehha in-numru tal-VAT u l-kirja tal-fond minn fejn kien jiggestixxi n-negozju tieghu. Jghid li kien ghalhekk li ma setax jonora l-obbligi tieghu u mhux b'nuqqas ta' rispett lejn l-amministrazzjoni tal-Gustizzja. In oltre sostna li l-piena inflitta kienet wahda eccessiva u definitivament mhux idoneja u dan ghaliex jekk jintbaghat il-habs wisq inqas huwa ser ikun fil-possibilta li jonora l-obbligi tieghu.

8. Fil-kors tal-proċeduri quddiemha, iżda, fis-seduta tas-16 ta'Lulju 2019 ġie verbalizzat li huwa kien qed jawtorizza lil parte civile Raisa Micallef izomm is-somma ta' tlett elef euro (€3,000) li hija ghandha fil-pusess

taghha proprjeta tieghu u dan sabiex taghmel tajjeb ghal pendenza ta' elfejn u tlett mitt euro (€2,300) dovuti lilha bhala arretrati u li ghalhekk permezz ta' dan il-hlas ser tigi regolata l-pendenza li kienet teżisti bejn il-partijiet fir-rigward tal-mertu ta' dan l-appell.

Il-Qorti seduta stante interpellat lill-parte ċivile Raisa Micallef dwar jekk hix sodisfatta bl-arranġament propost mill-appellant fir-rigward tal-kawza odjerna u wiegbet fl-affermattiv u dan bla pregudizzju ghal kawzi l-ohra li ghandha pendenti mal-appellant.

9. Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' prigunerija ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu lis-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u martu, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-għaqda familjari li ghandu jkun hemm bejn l-appellant u l-parte civile almenu jekk ghal xejn fl-interess tal-minuri li ghandhom in komuni.

B'dana kollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u s-sihba tieghu fl-interess tal-minuri in

komuni jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp bintu tibqa′ bla ħlas ta′ manteniment.

10. Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta′ prigunerija imposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta′ pagament ta′ rata ta′ manteniment jikkostitwixxi reat separat u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm mhux anqas minn sitt nuqqas ta′ pagament.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa′ l-appell tal-imputat appellant Jonathan Attard billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill-istess appellant għal erbgha xhur prigunerija u minflok tikkundannah għall-ħlas ta′ ammenda komplessiva fl-ammont ta′ mitejn u hamsin euro (€250) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill-imputat Jonathan Attard jħallas l-ammenda imposta fuqu b′din is-sentenza ratalment bir- rata ta′ hamsa u għoxrin euro (€25) fix-xahar, bl-ewwel rata pagabbli llum, b′dan li fin-nuqqas ta′ pagament anki ta′ rata mensili waħda l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur